**14 ta' Diċembru, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent Degaetano LL.D.**

T R *pro et*

*versus*

T D

## Konnessjoni ta' Kawżi - Kawżi ta' Separazzjoni u Kawżi ta' Manteniment

*Meta bejn żewġ kawżi jew iżjed imressqin quddiem Qorti waħda jkun hemm konnessjoni ta' suġġett, jew, meta d-deċiżjoni ta' waħda tista' tolqot id-deċiżjoni ta' l-oħra jew ta' l-oħrajn, il-Qorti tista' tordna li d-diversi kawżi jiġu mismugħin flimkien.*

*F'dan il-każ kien hemm żewġ kawżi pendenti - waħda ta' manteniment u l-oħra ta' firda personali.*

*Il-kawżi għall-manteniment jew it-talba għall-manteniment provvisorju f'kawża ta' separazzjoni għandhom jimxu indipendentement mill-mertu ta' dik il-kawża ta' separazzjoni. Il-kawżi ta' manteniment huma min-natura tagħhom kważi urġenti u jieħdu aktar tul jekk jinstemgħu mal-kawżi ta' separazzjoni.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni pprezentata minn T R fid-29 ta' Mejju, 1995 li biha wara li ppremettiet:

Illi l-konvenut mhuwiex qiegħed imantni lill-attriċi u lil bintu minuri Shana Anne kif obbligat li jagħmel skond il-liġi u kif fil-fatt jista';

Talbet lill-imsemmi konvenut jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

Tikkundannah iħallasha għaliha u għall-imsemmija binthom minuri Shana Anne dik ir-retta alimentari li tiġi stabbilita minn din il-Qorti bil-modalita` ta' ħin, lok u ġurnata li tiġi wkoll stabbilita;

Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-mandati ta' sekwestru u ta' impediment ta' partenza ppreżentati kontestwalment kontra l-konvenut, inġunt għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut T D, minnu ppreżentata fis-7 ta' Novembru, 1995 li biha huwa eċċepixxa:

Illi fl-ewwel lok u qabel xejn jiġi eċċepit illi l-kawża odjerna hija konnessa ma' kawża oħra fl-istess ismijiet pendenti quddiem dina l-Onorabbli Qorti (Ċitazz. Nru. 1112/95 VDG) u għalhekk iż-żewġ kawżi għandhom jinstemgħu flimkien a tenur ta' l-artikolu 793 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

*Omissis*;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża; semgħet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-6 ta' Diċembru, 1995; Ikkunsidrat:

Din is-sentenza hi limitata għall-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut. Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 739 tal-Kap. 12 jipprovdi li "Meta bejn żewġ kawżi jew iżjed imressqin quddiem Qorti waħda jkun hemm konnessjoni ta' suġġett, jew, meta d-deċiżjoni ta' waħda tista' tolqot id-deċiżjoni ta' l-oħra jew ta' l-oħrajn, il-Qorti tista' tordna li d-diversi kawżi jiġu mismugħin flimkien". Il-kawża odjerna hi waħda ta' manteniment ibbażata prinċipalment fuq l-artikoli 2(2), 3 u 3B tal-Kodiċi Ċivili. Il-kawża l-**oħra** hija kawża ta' firda personali. Issa, l-artikolu 46A ta' l-imsemmi Kodiċi Ċivili jipprovdi li matul kawża tal-firda "kull waħda mill-partijiet, sew jekk attriċi jew konvenuta, tista' titlob mingħand il-parti l-oħra somma għall-manteniment skond il-bżonnijiet tagħha u skond il-mezzi tal-parti l-oħra, u meta jitqiesu wkoll iċ-ċirkostanzi l-oħra

kollha tal-partijiet". Imbagħad, dana l-artikolu flimkien ma' l-artikolu 7(1) u 47 tal-Kap. 16, dejjem fil-prattika ġew ritenuti li jawtorizzaw wkoll manteniment *pendente lite* għall-ulied minuri tal-partijiet. Fil-fehma tal-Qorti, minn dan jidher ċar li l-kawża għall-manteniment jew it-talba għall-manteniment provvisorju f'kawża ta' separazzjoni għandhom jimxu indipendentement mill-meritu ta' dik il-kawża ta' separazzjoni. Konsiderazzjoni oħra li, fil-fehma tal-Qorti, hi importanti hi li kawża ta' manteniment hi, min-natura tagħha, kawża urġenti u li għaliha huma rrelevanti ħafna mill-konsiderazzjonijiet u provi li jistgħu jkunu relevanti f'kawża ta' separazzjoni. Għalhekk, kieku l-kawża odjerna kellha tinstema' kontestwalment mal-kawża ta' separazzjoni - fis-sens li jkun hemm ordni skond l-artikolu 793(1) tal-Kap. 12 - il-probabilita' hi li l-kawża odjerna tieħu ferm aktar fit-tul milli jkun neċessarju;

Għall-motivi premessi din il-Qorti tirrespinġi l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut. L-ispejjeż ta' din is-sentenza jibqgħu riservati għall-ġudizzju finali.